# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Frar 2010

## li twaqqaf il-Bord tal-Imsieħba tal-GMES

(2010/67/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) jikkonsisti f'inizjattiva ta' osservazzjoni tad-Dinja mmexxija mill-Unjoni Ewropea u mwettqa bi sħubija mal-Istati Membri. L-għan tagħha huwa li jitrawwem użu aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politiki ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-osservazzjoni tad-Dinja u li tipprovdi servizzi ta' tagħrif.

(2) Biex jinkiseb l-għan tal-GMES fuq bażi sostenibbli, jinħtieġ li jiġu kkoordinati l-attivitajiet tad-diversi msieħba tal-GMES, u li tiġi żviluppata, stabbilita u mħaddma kapaċità ta' servizz u osservazzjoni li tissodisfa d-domanda tal-utenti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jista' jeħtiġilha li titlob l-għarfien espert ta' speċjalisti f'korp konsultattiv.

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titlu "Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): ngħożżu pjaneta iżjed sigura" ([1]), il-Kummissjoni ħabbret it-twaqqif ta' Bord tal-Imsieħba li jgħin lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni ġenerali tal-GMES.

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' esperti fil-qasam tal-GMES u tal-osservazzjoni tad-Dinja u li jiġu ddefiniti l-kompiti u l-istruttura tiegħu.

(5) Il-grupp għandu jgħin biex tkun żgurata l-koordinazzjoni tal-kontributi għall-GMES mill-imsieħba kollha billi juża bl-aħjar mod il-kapaċitajiet eżistenti u jidentifika l-lakuni li jeħtieġu l-attenzjoni fuq livell tal-Unjoni. Għandu jgħin lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni koerenti tal-programm Ewropew tal-osservazzjoni tad-Dinja(GMES). Għandu jissorvelja l-evoluzzjoni tal-politika u jiffaċilita t-tpartit ta' prattiki tajbin fil-GMES u fl-osservazzjoni tad-Dinja.

(6) Il-Bord tal-Imsieħba għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri li għandhom kompetenza fissetturi tal-osservazzjoni tad-Dinja, tal-ambjent u tas-sigurtà. Ir-rappreżentanti għandhom jiġu nnominati mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom li huma responsabbli għall-osservazzjoni tad-Dinja fl-Istat Membru tagħhom.

(7) Għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar ir-regoli dwar l-iżvelar tat-tagħrif mill-membri tal-Bord, u din tkun bla ħsara għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà kif imniżżlin fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom ([2]).

(8) Id-dejta personali li għandha x'taqsam mal-membri tal-Bord għandha tkun ipproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([3]).

(9) Għandha ssir previżjoni għall-parteċipazzjoni tan-Norveġja u l-Isvizzera, li huma membri tal-Aġenzija Spazjali Ewropea, fil-ħidma tal-grupp. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet li huma involuti fl-osservazzjoni tad-Dinja, b'mod partikolari dawk li qabel kienu membri tal-Kunsill Konsultattiv tal-GMES, għandhom ikunu jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp bħala osservaturi.

(10) Huwa xieraq li jiġi stabbilit perjodu għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Malli jasal il-waqt, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-rakkomandabilità ta' estensjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Il-Bord tal-Imsieħba tal-GMES**

Il-Bord tal-Imsieħba tal-GMES, minn hawn 'il quddiem imsemmi "il-Bord", huwa b'dan imwaqqaf.

([1]) COM(2008) 748 finali.

([2]) ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.

([3]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

*Artikolu 2*

**Kompiti**

Ix-xogħol tal-Kumitat għandu jkun:

(1) li jistabbilixxi kooperazzjoni bejn il-korpijiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq kwistjonijiet marbutin mal-GMES biex jgħin jiżgura l-koordinazzjoni tal-kontributi lill-GMES mill-attivitajiet nazzjonali u dawk tal-Unjoni Ewropea, jagħmel l-aħjar użu tal-kapaċitajiet eżistenti u jidentifika l-lakuni li jeħtieġu attenzjoni fuq livell Ewropew;

(2) li jgħin lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni koerenti tal-programm Ewropew tal-osservazzjoni tad-Dinja (GMES), li jinkludi l-finanzjament mill-Programm ta' Qafas tar-Riċerka, li għalih il-Kummissjoni hija mgħejuna mill-Kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE ([1]), u minn sorsi oħra ta' finanzjament, u li hu msejjes fuq il-Komponent Spazjali GMES tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), li l-eżekuzzjoni tiegħu hija ssorveljata mill-Bord għall-Osservazzjoni tad-Dinja tal-Programm ESA;

(3) li jgħin lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta' qafas ta' implimentazzjoni strateġika tal-Programm Ewropew għall-Osservazzjoni tad-Dinja (GMES), inkluż: (i) l-ippjanar indikattiv annwali u multiannwali tal-attivitajiet tal-programm tal-UE; (ii) skemi ta' implimentazzjoni indikattivi; (iii) stima tal-ispejjes u strateġija preliminari baġitarja tal-attivitajiet tal-GMES; u (iv) speċifikazzjoni tal-programm u regoli ta' parteċipazzjoni;

(4) il-ħolqien ta' skambju tal-esperjenza u ta' prattiki tajbin fil-qasam tal-GMES u tal-osservazzjoni tad-Dinja.

*Artikolu 3*

**Konsultazzjoni**

1. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-Bord dwar kwalunkwe każ marbut mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-GMES.

2. Il-President tal-Bord jista' jagħti parir lill-Kummissjoni meta jkun xieraq li l-grupp jiġi kkonsultat dwar kwistjoni speċifika.

*Artikolu 4*

**Sħubija - Ħatra**

1. Il-Bord għandu jkun magħmul minn 27 membru.

2. Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn fost numru ta' speċjalisti li l-kompetenzi tagħhom huma fis-setturi tal-osservazzjoni tad-Dinja, tal-ambjent u tas-sigurtà. Il-membri għandhom jiġu nnominati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri.

3. Numru ekwivalenti ta' membri alternattivi għall-Bord għandhom jinħatru bl-istess kundizzjonijiet tal-membri. Il-membri alternattivi għandhom jieħdu post il-membri li jkunu assenti b'mod awtomatiku.

4. Il-Kummissjoni tista' tistieden lil rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-osservazzjoni tad-Dinja biex jattendu l-laqgħat bħala osservaturi.

Rappreżentant tal-Isvizzera u rappreżentant tan-Norveġja se jkunu mistiedna bħala osservaturi permanenti.

5. Il-membri għandhom jinħatru bħala rappreżentanti ta' awtorità pubblika.

6. Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru għal kariga ta' sena li tista' tiġġedded. Għandhom jibqgħu fil-kariga sa meta jiġu ssostitwiti jew jispiċċalhom il-mandat.

7. Il-membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-ħidmiet tal-Bord, li jippreżentaw ir-riżenja tagħhom, jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-Trattat, jistgħu jiġu ssostitwiti għall-kumplament taż-żmien li jkun fadallu l-mandat tagħhom.

*Artikolu 5*

**Tħaddim**

1. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi fuq il-Bord.

2. Meta jkun hemm diskussjonijiet marbutin mal-komponent Spazjali tal-programm GMES, il-Kummissjoni tiġi mgħejuna mill-Aġenzija Spazjali Ewropea.

Meta jkun hemm diskussjonijiet marbutin mal-komponent *in situ* tal-programm GMES, il-Kummissjoni tiġi mgħejuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

3. Bi ftehim mal-Kummissjoni, jistgħu jitwaqqfu sottogruppi biex jeżaminaw il-mistoqsijiet speċifiċi skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-Bord. Kif jintemm il-mandat tagħhom dawn il-gruppi għandhom jiġu xolti.

4. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jitlob li l-esperti jew l-osservaturi b'kompetenza speċifika dwar suġġett fuq l-aġenda jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tal-Bord jew tas-sottogrupp jekk dan ikun utli u/jew meħtieġ.

5. It-tagħrif miksub mill-parteċipazzjoni fid-deliberazzjonijiet tal-grupp jew tas-sottogrupp ma jistax jiġi mxandar jekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, dak it-tagħrif jirrigwarda kwistjonijiet kunfidenzjali.

([1]) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.

6. Il-Bord u s-sottogruppi tiegħu għandhom normalment jiltaqgħu fi bini tal-Kummissjoni skont il-proċeduri u l-iskeda stabbilita minnha. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi ta' segretarjat. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni li għandhom interess fil-proċeduri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord u tas-sottogruppi tiegħu.

7. Il-Bord għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura adottati mill-Kummissjoni.

8. Il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq l-Internet, fil-lingwa oriġinali tad-dokument ikkonċernat, kull sommarju, konklużjoni, parti minn konklużjoni jew dokument ta' ħidma tal-Bord.

*Artikolu 6*

**Spejjeż tal-laqgħat**

1. L-ispejjeż tal-vjaġġ u, fejn meħtieġ, tal-għajxien imħallsa għall-membri, l-esperti u l-osservaturi fl-ambitu tal-attivitajiet tal-Bord għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni b'konformità mar-regoli tal-Kummissjoni dwar ir-rimborż ta' spejjeż għal esperti esterni.

2. Il-membri tal-Bord, l-esperti u l-osservaturi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi mogħtija.

3. L-ispejjeż tal-laqgħat jiġu rimborżati fil-limiti tal-baġit annwali allokat għall-Bord mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikabilità.**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2011.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO